KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

4 ta' Frar 2016

E.T. Marie-Louise Coleiro Preca
President ta' Malta
Uffiċċju tal-President
Il-Palazz
Il-Belt Valletta

Eċċellenza,

ilbieraħ, il-Gvern ħabbar uffiċjalment li se jinnomina żewġ avukati għall-ħatra ta' Maġistrati.

Inħoss li hu dmiri li niktiblek biex nitolbok, inti bħala l-kustodju tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tara u tivverifika jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti tal-Kostituzzjoni dwar l-eliġibilità taż-żewġ persuni in kwistjoni.

Ġentilment niġbidlek l-attenzjoni li l-Artiklu 100 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipola li ebda persuna ma tkun tikkwalifika għall-kariga ta' Maġistrat jekk ma tkunx eżerċitat, bħala avukat, għall-perjodu ta' mhux anqas minn 7 snin, u dan hu punt kardinali li għandek tara jekk hux sodisfatt fil-każ ta' Dr. Caroline Farrugia Frendo.

Fir-rigward tan-nomina l-oħra ta' Dr Ingrid Young, li hi ċ-Chairperson tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, nistiednek tara jekk l-Artiklu 120(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hux qed jiġi miksur peress li żgur ma għaddewx tliet snin minn meta l-aħħar aġixxiet bħala membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.

In vista ta' dawn il-fatti eċċezzjonali u bla preċedent fl-istorja tal-ħatriet tal-membri tal-ġudikatura ta' pajjiżna, qed nitlob formalment laqgħa urġenti miegħek.

Dejjem tiegħek,

Simon Busuttil
Kap tal-Oppożizzjoni